**6 ta' April, 1995**

**Imħallfin:-**

**Onor. Albert Manche LL.D. - Aġent President**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**
**Onor. Frank G. Camilleri, LL.D.**

Lawrence Cuschieri

*versus*

L-Onoveroli Prim Ministru *et*

**Sentenza - Qorti Kostituzzjonali - Nullita ta' - Impunjabilita' ta' - Ġurisdizzjoni - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, Ksur ta' - Smiegħ Xieraq, Dritt għall- - Trattazzjoni - Kawża - *Res Judicata* - Ritrattazzjoni - Rimedji Alternattivi - *Civil Rights and Obligations* - Definizzjoni ta'**

*Ir-rikorrent allega li ġew miċħuda d-drittijiet tiegħu għall-smiegħ xieraq fi proċeduri li kienu ġew deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali. L-intimati eċċepew li l-Qorti ma kelliex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' dawn l-allegazzjonijiet. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti ddeċidiet li l-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali kellhom jkunu konformi mad-dettami ta' smiegħ xieraq. Dawn il-proċeduri*

*kellhom jiġu konsidrati bħala li jeffettwaw is-*civil rights and obligations *tar-rikorrent u għalhekk kienu soġġetti għall-garanziji kontemplati sija fil-Kostituzzjoni kemm fil-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Il-Qorti inoltre ddeċidiet li r-rimedju ta' ritrattazzjoni ma kienx disponibbli għar-rikorrent. L-ilment avanzat mir-rikorrent ma kien jaqa' taħt l-ebda wieħed mill-kapi ta' ritrattazzjoni kontemplati fil-liġi għalkemm setgħet issir ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Għalhekk il-proċeduri istitwiti quddiem il-Prim'Awla kienu l-uniku rimedju disponibbli għar-rikorrent.*

*Il-Prim'Awla kellha ġurisdizzjoni f'kull materja li tikkonċerna ksur ta' drittijiet fundamentali anke meta l-ksur ta' dawk id-drittijiet ikun sar mill-Qorti Kostituzzjonali nnifisha.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' Lawrence Cuschieri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih espona hekk:

"Fil-kors ta' proċedura kriminali kontra tiegħu, huwa kien talab u ottjena referenza Kostituzzjonali lil dik il-Qorti, biex jiġi determinat jekk it-talba tal-prosekuzzjoni għall-applikazzjoni retroattiva għall-proċess tiegħu tal-emenda għall-artikolu 639 tal-Kodiċi Kriminali, magħmula bis-saħħa tal-Att XXII ta' l-1988, kinitx tikser id-drittijiet fundamentali ta' l-esponent għan-non-retroattivita' tal-liġi kriminali (Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tas-smiegħ xieraq (Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja); illi b'sentenza tal-11 ta' Ġunju, 1991 dik il-Qorti ddeċidiet din ir-referenza fis-sens li kien hemm fil-konfront tal-akkużat vjolazzjoni

tad-dritt fundamentali tas-smiegħ xieraq. It-talba tal-akkużat in kwantu bażata fuq il-protezzjoni kontra in-non-retroattivita` tal-liġi penali, ma ġietx akkolta; illi l-pulizija interponiet appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, u l-akkużat interpona appell inċidentali; illi apparti l-kwistjonijiet ta' mertu, reklam tal-Kummissarju tal-Pulizija kien li l-kwistjonijiet imqajma mill-esponent misshom ġew determinati mill-Qorti Kriminali stess, u mhux b'riferenza mill-Qorti Ċivili; illi fis-smiegħ ta' l-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali d-difensur tal-Kummissarju tal-Pulizija għamel it-trattazzjoni tiegħu dwar in-nullita` tar-referenza u kien ser jibda jittratta fuq il-mertu. F'dak il-ħin il-Qorti interrompietu u qalet ripetutament li l-intempestivita` tar-referenza kienet l-qofol kollu ta' l-appell, u li fuq hekk biss il-Qorti riedet tisma'. Għalkemm id-difensur tal-Kummissarju tal-Pulizija ipprova jestendi t-trattazzjoni tiegħu għall-mertu sostanzjali ta' l-appell prinċipali u ta' l-appell inċidentali, il-Qorti ma ippermettitlux, u għaddiet it-trattazzjoni lid-difensuri ta' l-akkużat; illi l-istess ġara kull meta d-difensuri ta' l-akkużat ipprovaw b'xi mod jaċċennaw għall-mertu sostanzjali ta' l-appell, u cjoe` l-aggravji dwar ir-retroattivita` tal-liġi kriminali, u l-vjolazzjoni tal-garanzija tal-*fair hearing*. Il-Qorti ripetutament u b'enfasi kbira bdiet tgħid li fuq hekk ma riedet tisma' xejn, għax il-qofol li kien jinteressa lill-Qorti kien jekk dawk il-kwistjonjiet kellhomx jiġu sollevati f'Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali qabel, jew wara, s-sentenza tal-proċess kriminali; illi ġara għalhekk li fl-ebda mument, l-akkużat ma mexxielu jagħmel ebda sottomissjonijiet jew osservazzjonijiet fuq ir-retroattivita`, u fuq il-*fair hearing*, quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, meta dawn kienu l-uniċi żewġ *issues* sostanzjali tar-referenza; illi barra minn hekk ġara li f'ċirkostanzi li jiġu spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawża dik il-Qorti ammoniet lil wieħed mid-difensuri ta' fiduċja ta' l-imputat li f'dik il-kawża huwa qatt ma

jerġa jiftaħ ħalqu; illi fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar, 1992 il-Qorti Kostituzzjonali mhux biss iddeċidiet il-kwistjoni tar-referenza li, skontha fl-udjenza ta' qabel kienet l-uniku punt, imma daħlet fil-mertu sostanzjali ta' l-appell (in-non-retroattivita' tal-liġi penali u l-*fair hearing*) u rrevokat is-sentenza ta' dik il-Qorti fejn din kienet favorevoli għall-akkużat; illi b'hekk ġiet li: (a) l-appelli ġew deċiżi u s-sentenza tal-prim'istanza favur l-akkużat ġiet revokata, mingħajr ma l-Qorti qatt ippermettiet l-iċken opportunita' lill-akkużat li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fuq il-mertu; il-Qorti la semgħet u anqas ippermettiet li tisma' x'kellu xi jgħid l-akkużat fuq il-garanzija kontra r-retroattivita' tal-liġi penali u fuq il-garanziji tal-*fair hearing*; (b) l-akkużat ġie imċaħħad mill-assistenza tad-difensur tiegħu ta' fiduċja li ġie impedut u eventwalment espressament vjetat mill-eserċizzju tal-funzjonament tiegħu fl-interess tal-patroċinat tiegħu; (ċ) id-difensur ta' fiduċja ta' l-akkużat inkarigat espressament biex jittratta dwar il-validita' tar-referenza, ġie imċaħħad milli jaqdi l-inkarigu tiegħu; illi dawn iċ-ċirkostanzi separatament u kumulattivament jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ta' l-esponent għas-smiegħ xieraq protett mill-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem; illi għaldaqstant l-esponent umilment jitlob li dik il-Qorti jogħġobha tagħti dawk l-ordnijiet u dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa biex twettaq id-disposizzjonijiet fuq imsemmija, billi fost oħrajn tiddikjara illi d-dritt fundamentali għas-smiegħ xieraq ta' l-akkużat ġie miksur mill-Qorti Kostituzzjonali fil-Proċeduri ta' Referenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Lawrence Cuschieri** (288/90 FD) deċiżi fit-8 ta' Jannar, 1992; illi konsegwentement dik is-sentenza ngħatat bi ksur ta' l-istess drittijiet fundamentali u hija għalhekk nulla u billi tillikwida l-kumpens li għandu jiġi mħallas mill-intimati lill-akkużat għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu";

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha esponew hekk:

"In kwantu jipprova jannulla sentenza minħabba dak allegat bħala inkorrettezzi proċesswali, ir-rikors ta' Lawrence Cuschieri mhux proponibbli għaliex tali annullament hu proponibbli biss jew fil-kors normali ta' appell lill-Qorti ta' sekond'istanza meta tali nullita` tkun ġiet provokata f'Qorti ta' l-ewwel grad, jew inkella bil-proċedura ta' ritrattazzjoni (in kwantu din tista' tkun applikabbli għal Qorti Kostituzzjonali; ara **Ferro *vs* Housing Secretary, Galea *vs* Ministru tax-Xogħolijiet**) meta tali nullita` tkun ġiet ipprovata f'Qorti fi grad ta' appell; illi hu inkonċepibbli illi din il-Qorti tista' tgħaddi biex teżamina l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali (bħala distint mill-operat ta' kull indivdwu li jikkomponi jew b'xi mod ieħor hu uffiċjal ta' dik il-Qorti) u dana meta l-Qorti Kostituzzjonali hi l-Qorti li lilha għandu normalment isir appell dwar l-operat ta' din il-Qorti u dana għaliex ma jsirx appell lill-Qorti ta' l-ewwel istanza mis-sentenza dwar appell mogħtija minn Qorti tat-tieni istanza; u għaldaqstant ir-rikors ta' l-imsemmi Lawrence Cuschieri għandu jiġi respint bħala manifestament infondat u come tali frivolu u vessatorju; illi fil-mertu ma jirriżultax mill-atti proċesswali li sar xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent; illi bla preġudizzju għas-suespost, ir-rimedju li jista' jkollu dritt għalih ir-rikorrent qatt m'hu indikat li jkun "ħlas ta' kumpens", u l-fatt illi t-talba għar-rimedju ġiet ridotta f'dawk it-termini hi minnha nnifisha indikattiva ta' l-infondatezza tar-rikors;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Lulju, 1992 li bih ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' l-intimati, u ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni. Dik il-Qorti għamlet fir-rigward is-segwenti konsiderazzjonijiet li mmotivaw id-deċiżjoni

tagħha:

"Illi l-Qorti mill-ewwel trid tagħmilha ċara li fil-fehma tagħha, *kull intervent tagħha a termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ma għandux jiġi kkunsidrat bħala forma ta' appell minn sentenza sew jekk hi ta' kompetenza kriminali, ċivili, jew kummerċjali, ta' l-ewwel jew tat-tieni grad.* Il-Prim'Awla *tal-Qorti Ċivili hija vestita bil-poter* li tindaga kull allegazzjoni li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 28 sa 45 tal-Kostituzzjoni, tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura. Il-Kostituzzjoni bl-ebda mod ma tillimita l-poter ta' din il-Qorti u bl-ebda mod ma tiddefinixxi jew tiċċirkumskrivi ċ-ċirkostanzi meta l-istess Qorti għandha dan il-poter. Jekk imbagħad jirriżulta l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali u bħala konsegwenza ir-rimedju jkun li jiġu annullati l-proċeduri li matulhom *jkun immanifesta ruħu* l-allegat ksur, dan huwa inċidentali għax din il-Qorti ma tkunx qed tindaga dwar il-mertu tal-kawża quddiem l-istess Qorti Kostituzzjonali iżda biss dwar l-aġir ta' l-istess Qorti, *matul dawk il-proċeduri, fil-konfront* ta' min qed iressaq l-ilment;

Illi fid-dawl ta' dan il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-intimati li din l-istess Qorti hija żvestita mid-dritt li tindaga jekk, waqt proċeduri fil-Qorti Kostituzzjonali, kienx hemm ksur tad-drittijet fundamentali tal-bniedem. Taħt ċirkostanzi normali l-proċedura tistabbilixxi li kull ilment fil-konfront ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jiġi eżaminat, u deċiżjoni tittieħed dwaru, fil-kors normali ta' l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell. U dan sew jekk ikun jittratta dwar il-mertu sew jekk jittratta dwar *il-proċedura li ġiet adottata mill-ewwel Qorti. Fil-każ in eżami, li* għandu jingħad ma għandux preċedent fil-ġurisprudenza tagħna, qed jiġi attakkat l-aġir ta' l-istess Qorti ta' l-Appell li f'dan il-każ

kienet l-istess Qorti Kostituzzjonali. Jekk jiġi negat id-dritt tar-rikorrent għar-rimedju taħt dawn iċ-ċirkostanzi tkun qed tingħata pre-eminenza lil-Qorti Kostituzzjonali u saħansitra lill-membri indivdwali tagħha, anke fil-konfront tal-Kostituzzjoni nnifisha u b'hekk jiġi negat id-dritt liċ-ċittadin li jiġu mħarsa il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni li jiggarantixxu d-drittijiet fundamentali tiegħu. Dana naturalment qed jingħad mingħajr ebda rifless fuq il-mertu tal-kawża odjerna billi l-Qorti għadha ma ġietx a konjizzjoni tal-fatti kif allegati fir-rikors promotur;

L-Qorti Kostituzzjonali taġixxi kolleġġjalment u għalhekk l-aġir ta' xi wieħed jew aktar mill-membri tagħha li qed jiġi attakkat bħala li kiser id-drittijiet fundamentali ta' l-appellant, jirrifletti fuq il-Qorti kollha u għandu jingħata il-piż tiegħu fuq is-sentenza finali li temani mill-istess Qorti. Ir-rikorrent ma jistax jingħata rimedju effettiv kemm-il darba l-aġir individwali ta' membru li jifforma parti mill-istess Qorti jiġi ċensurat fil-waqt li l-eżitu finali ta' dawk il-proċeduri, fejn ikun hemm l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, jibqa' effettiv. Din il-Qorti għalhekk ma taqbilx mat-tieni sottomissjoni ta' l-intimati;

Illi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jagħti l-fakolta' lil kull persuna li titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili r-rimedju meħtieġ skond iċ-ċirkostanzi. Dan id-dritt ingħata bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment. Dan ifisser li r-rikorrent jista' jadixxi din il-Qorti anke jekk jeżisti rimedju ieħor, bħal każ ta' ritrattazzjoni, li jkun mogħti lilu mil-liġi. Din il-Qorti mhix obbligata li toqgħod tindaga jekk ir-rikorrent setax jottjeni l-istess riżultat bi proċeduri oħrajn. Hi taġixxi indipendentement minn kull Qorti oħra";

Rat ir-rikors ta' l-intimati li bih appellaw min dik is-sentenza

quddiem din il-Qorti, kif ukoll r-risposta tar-rikorrent;

*Rat l-atti kollha tar-rikors*;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal li bih ir-rikors ta' appell tħalla għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti hekk identifikat il-motivazzjoni ta' l-intimati għall-eċċezzjoni tagħhom li r-rikors huwa manifestament infondat u come tali, frivolu u vessatorju:

(a) illi r-rikors mhux proponibbli għaliex l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Ġunju, 1991 hu proponibbli biss fil-kors normali ta' l-appell - meta tali nullita' tkun ġiet provokata f'Qorti ta' l-ewwel grad; jew inkella fil-proċedura tar-ritrattazzjoni meta tali nullita' tkun ġiet ipprovokata f'Qorti fi grad ta' appell; u

(b) illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla ma tistax teżamina l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali billi ma hemmx appell minn sentenza ta' Qorti tat-tieni istanza;

Motivazzjoni li tipprovoka l-kweżit li hu l-bażi ta' dan l-appell, u cjoe' jekk sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hijiex fi kwalsijasi ċirkostanza u tkun xi tkun ir-raġuni sindakabbli minn Qorti oħra. Il-Qorti qabel xejn tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet ta' natura ġenerali:

Il-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li pprovokaw il-preżenti stanza tħallew jieħdu l-kors tagħhom kollu sas-sentenza finali. Ma jirriżultax mir-rikors promotorju u mill-verbali illi saret xi talba għar-rikuża tal-President ta' dik il-Qorti provokata mill-aġir allegat u lamentat mir-rikorrent li fil-fehma tiegħu kellha rifless negattiv fuq l-imparzjalita' tiegħu. *Una volta* ġiet pronunzjata dik is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali, irid jiġi sewwa apprezzat x'inhuma l-effetti tagħha. Sentenza mogħtija mill-għola Qorti fl-ordinament ġuridiku li neċessarjament tiddetermina finalment il-vertenza kostituzzjonali miġjuba quddiemha u timmaterjalizza stat definittiv fir-regolament tar-rispettivi drittijiet u obbligi tal-kontendenti. Sentenza li ma tippermetti l-ebda xorta ta' reviżjoni minn xi Qorti oħra. Tikkostitwixxi *res judicata* kemm fis-sens **formali** tat-terminu inkwantu proċeduralment tfisser finalita' li ma tippermetti l-ebda forma ta' appell minnha, kif ukoll fis-sens **sostanzjali** in kwantu għandha forza awtorevoli u obbligatorja fuq il-partijiet meta tiddetermina l-mertu;

"*.... inherent in the institution of res judicata is a preclusive effect in the sense that the parties to the case .... bound by the res judiciata effects of the (first) decision are barred to bring about a Court decision contradicting the conclusive content of the first decision ....*

*The institution of res judicata may be elaborated by laws on Constitutional Courts while in many such laws, it appears to be simply presupposed and taken for granted. Even where it is not expressly mentioned in laws on Constitutional Courts, it can be derived as a principle of the rule of law, of the* etat de droit, *the* stato di dirtitto *the* rechtsstast. *The Rule of Law aims at legal peace and legal security in regard of controversies. This is exactly the aim*

*of the institution of res judicata too. It accordingly is of constitutional dimension and valid in procedures of Constitutional Courts and with regard to the effects of their decisions;*

*(Decisions of the Constitional Courts and their Effects - Report of Prof. Helmut Steinberger - as reported in the Proceedings of a Seminar of the European Commission for Democracy through Law on the Theme The Role of the Constitutional Court in the Consolidation of the Rule of Law*)";

Iċ-ċertezza tad-dritt u ċ-ċertezza tal-ġudizzju jesiġu allura, li **bħala regola** is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali għandha tkun meqjusa bħala l-aħħar kelma fuq il-kweżit **kostituzzjonali** sollevat mir-rikorrent;

Il-kwistjoni kostituzzjonali meta tirrigwarda allegata vjolazzjoni *tad-drittijiet* fundamentali *fiha sanċiti, tipprovka* proċeduri in kawtela ta' dawk id-drittijiet quddiem il-Qrati vestiti mill-istess Kostituzzjoni b'dik il-kompetenza oriġinali u speċjali. Proċeduri li għandhom esistenza u iter indipendenti u partikolari fir-riċerka ta' l-attwalita' tal-vjolazzjoni allegata u immirati għal ksib ta' rimedju adegwat indikat fiċ-ċirkostanzi. Dana indipendentement u irrispettivament minn kull sitwazzjoni, relazzjoni ġuridika jew proċeduri ġudizzjarji oħra li setgħu taw lok għal tali allegata vjolazzjoni. F'dan il-kuntest allura, il-proċeduri kostituzzjonali provokati minn jew konnessi ma proċeduri pendenti quddiem Qorti oħra kompetenti, ma jistgħu qatt jiġu meqjusa bħala xi *forma ta' appell minn jew reviżjoni ta' l-operat ta' dik il-Qorti* fil-kondotta tal-proċeduri fil-mertu li kkonsidrat u li jaqa' fil-kompetenza tagħha. Konċett simili hu għal kollox estraneju għall-ordinament ġuridiku nostran li ma jippermettix aktar minn appell

wieħed f'istanza superjuri minn deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad. Il-kompetenza tal-Qorti vestita bil-materja kostituzzjonali hi strettament limitata u ċirkoskritta bil-kontenut tagħha fit-termini ta' l-allegata vjolazzjoni tad-dritt fundamentali protett, u dik il-Qorti ma hijiex kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' mertu ieħor li hu ta' kompetenza ta' Qorti oħra. Konsegwentement, bħala regola il-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ma għandhomx neċessarjament ikollhom l-effett li jintralċjaw jew jissospendu dawk il-proċeduri;

*Fil-każ in eżami hu allegat illi l-vjolazzjoni tad-dritt* fundamentali tar-rikorrent avverrat ruħha bħala konsegwenza tal-mod kif ġew kondotti l-proċeduri quddiem l-istess Qorti Kostituzzjonali, u hu allegat illi fil-kors ta' dawk il-proċeduri ġie vjolat id-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq. Konsidrat dak li ġie meqjus dwar l-effetti tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti ma tarax kif il-mertu ta' dan ir-rikors jista' jitqies mod ieħor jekk mhux "kawża litigandi ġdida u indipendenti" mill-proċeduri fejn dawn l-allegati irregolaritajiet suppost avverraw ruħhom. Biżżejjed jiġi osservat li l-allegata vjolazzjoni tad-dritt fundamentali hija mir-rikorrent addebitata direttament lill-istess Qorti Kostituzzjonali jew il-komponenti tagħha, ċertament ma hijiex addebitata lill-intimat. Ir-rikorrent jitlob infatti dikjarazzjoni illi d-dritt fundamentali tas-smiegħ xieraq ta' l-akkużat ġie miksur mill-Qorti Kostituzzjonali fil-proċedura ta' referenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Lawrence Cuschieri**, referenza li ġiet deċiża fit-8 ta' Jannar, 1992 u li ddefiniet b'mod assolut il-mertu tagħha b'sentenza li tikkostitwixxi *res judicata* għall-kontendenti. Ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti, illi jekk jiġi milqugħ ir-rikors tiegħu u jiġi dikjarat li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu, ikun hemm konsegwentement dikjarazzjoni tan-nullita' tas-sentenza tat-8 ta'

Jannar, 1992. X'għandu jkun f'tali eventwalita' r-rimedju adegwat fiċ-ċirkostanzi pero', jispetta biss lill-Qorti li tiddetermina u dana mhux neċessarjament ikun jimporta n-nullita' tal-proċeduri għalkemm dan mhux eskluż. Biżżejjed jingħad per eżempju li l-Qorti trid tikkonsidra jekk is-sentenza impunjata kinitx sostanzjalment korretta u ġusta, meta jitqiesu l-proċeduri fit-totalita' tagħhom, u dan nonostante l-leżjoni tad-dritt fundamentali provata. F'dan ir-rigward, il-Qorti trid tkun ukoll gwidata bil-ġurisprudeza tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropeja in materja;

Hu fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ta' prinċipju li għandhom jiġu evalwati l-aggravji ta' l-intimati biex jiġi apprezzat jekk l-allegat aġir tal-Qorti Kostituzzjonali jista' jikkostitwixxi fih innifsu vjolazzjoni ta' dritt fundamentali li jitlob rimedju. Infatti:

a) Hi valida s-sottomissjoni ta' l-intimati illi l-Ewwel Qorti ma tatx interpretazzjoni preċiża ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u dak analogu fl-Att XIV ta' l-1987 meta rriteniet illi dawn l-artikoli jagħtu l-fakolta' lil kull persuna li titlob lil Prim'Awla għal rimedju meħtieġ skond iċ-ċirkostanzi u dana "bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment". Bir-raġun l-intimati jikkontestaw il-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti illi "Dan ifisser li r-rikorrent **jista'** jadixxi din il-Qorti anke jekk jeżisti rimedju ieħor, bħal każ ta' ritrattazzjoni li jkun mogħti lilu bil-liġi". Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla għal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-artikolu 46 irid jiġi moqri mal-*proviso* tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall ksur allegat "**huma** jew **kienu** disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra". Hu

veru wkoll illi din il-fakolta hija diskrezzjonali għall-Qorti imma hu ċar li l-eżerċizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wieħed kapriċċuż jew leġġer. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'każijiet verament eċċezzjonali li jikkonvinċu lill-Qorti mod ieħor - illi l-ewwel Qorti teżerċita s-setgħat tagħha sakemm kienu, huma jew għadhom, miftuħin għar-rikorrent rimedji oħra adegwati fil-parametri ta' l-ordinament ġudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' *ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita` li l-leżjoni tad-dritt* fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha;

b) Jiġi notat ukoll illi jrid jiġi mogħti piż debitu lill-kliem "huma jew kienu disponibbli" favur ir-rikorrent. Dan għaliex hu ċar li meta r-rimedju disponibbli għall-allegat ksur ta' dritt fundamentali quddiem il-Qorti ta' prima istanza, ikun wieħed ta' appell jew ritrattazzjoni, il-Qorti, fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali, tkun ferm anqas propensa li teżerċita s-setgħat *tagħha sakemm dawn ir-rimedji ma jkunux ġew eżawriti;*

ċ) L-intimati sewwa jissottomettu illi: "jeżisti iter stabbilit mill-liġi li skontu kawża għandha tinbeda u tingħalaq u ma għandhiex teżisti l-possibilita` (ħlief għal appell u għal ritrattazzjoni kontemplati eċċezzjonalment bħala miżuri extraordinarji) biex dak li jkun deċiż jerġa' jiġi mess in diskussjoni". Dan almenu bħala massima ġenerali. Dan hu proprju li l-Qorti ġa kkunsidrat dwar iċ-ċertezza tal-ġudizzju aktar il fuq. Bil-Kostituzzjoni nnfisha pero` - u sussegwentement bl-Att XIV ta' l-1987 - ingħata riżalt lid-dritt fundamentali għal-smiegħ xieraq minn tribunal imparzjali w indipendenti - dritt li fil-verita` kien ilu għal żmien twil rikonoxxut

u applikat, mhux biss bħala jedd naturali, imma wkoll bħala dritt tutelat fil-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili, anke tramite rimedju ta' ritrattazzjoni;

Anke sentenza tal-Qorti Ewropeja tista' tiġi ritrattata f'ċerti każi, anke jekk l-ebda talba għal reviżjoni bħal din għadha ma saret sal-1990. Interessanti jiġi rilevat ir-*Rules of Court* tal-Qorti Ewropeja (kif kienu fis-seħħ mill-20 ta' April, 1992) jipprovdu fil-*rule* 58 għal *request for revision of a judgement* minn parti jew mill-Kummissjoni, *in the event of the discovery of a fact which might by its nature have a decisive influence and which, when a judgement was delivered, was unknown both to the Court and to that Party of the Commission.* Din ir-regola tipprovdi il-proċedura kif għandha ssir ir-revizjoni u li d-deċiżjoni ssir permezz **ta' sentenza**;

*The competence of the Court to deal with requests for revision of its judgements is likewise not regulated by the Convention. Like the competence to give an interpretation of a judgement, the competence to revise a judgement* ***may also be considered as inherent in the jurisdiction of the Court,"*** (P. Van Dijk and G.J.H. Van Hoof - Theory and Practice of the European Convention on Human Rights - 2nd Ed. (1990) p.187).

L-intimati huma konxji - kif hi l-Qorti - tal-ġurisprudenza sallum stabbilita tal-Qorti Kostituzzjonali li tirritjeni illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni ma huwiex mitfugħ għall-proċeduri ta' indole kostituzzjonali u dana kif deċiż minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawża **Joseph Galea *nomine vs* Onor. Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi** (Rikors 130/84) deċiża fil-25 ta' Ġunju, 1986 u **Carmel Caccopardo *vs* Ministru tax-Xogħolijiet u l-**

**Aġent Direttur tax-Xogħlijiet** (Rikors 6/1986) deċiż fl-istess jum. Dawn is-sentenzi jagħtu interpretazzjoni restrittiva, u fil-fehma ta' din il-Qorti kif presjeduta mġebbda tar-Regolament 6 ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964, u tar-Regolament 11 ta' l-Avviż Legali 49 ta' l-1964, li jirregolaw il-proċeduri quddiemha. Jikkonkludu li meta dawn ir-regolamenti applikaw għalihom "id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili **dwar il-prattika u l-proċedura**" quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili w l-Qorti ta' *l-Appell, huma kienu b'daqshekk qed jeskludu l-applikazzjoni tal-*provvedimenti li jagħtu d-dritt għal ritrattazzjoni in kwantu "mhux leċitu li materja partikolari ta' proċedura ġudizzjarja tiġi introdotta fl-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni speċjali meta l-artikoli 47 u 96 tal-Kostituzzjoni li waqqfu dik il-ġurisdizzjoni speċjali ma jikkontemplawhiex". Il-Qorti qieset il-konsiderazzjonijiet li wasslu għal tali interpretazzjoni imma ma tikkondividihomx, kif anqas taqbel li l-leġislatur ried jillimita l-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali proprju f'istitut maħsub prinċipalment biex jirrettifika proċeduri li jkunu illedew d-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq li l-Kostituzzjoni trid tipproteġi. Il-motivazzjoni li *dana riedet tagħmlu volutament in omaġġ tal-prinċipju ta' l-*ispeditezza tal-proċeduri kostituzzjonali ma tikkonvinċix;

Mhux il-każ li din il-Qorti f'dan l-istadju tinoltra ruħha aktar f'dan l-aspett tal-vertenza kif issuġġerewlha li tagħmel l-intimati. Qed tillimita ruħha biex tiddikjara li tirritjeni li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu fil-fehma tagħha eċċessibbli fi proċedimenti ta' indole kostituzzjonali. Dan għaliex, f'kull każ jidher ċar li eżami ulterjuri kien ikun għal kollox inutili nkwantu jirriżulta mill-atti ta' dan ir-rikors li anke jekk jiġi aċċettat, kif qed jiġi, illi r-rikorrent kellu miftuħ għalih ir-rimedju ta' ritrattazzjoni - hu ma setax jużufruwixxi minnu b'suċċess in kwantu l-lanjanza tiegħu w l-mertu

ta' dan ir-rikors ma kinux jinkwadraw ruħhom f'waħda mir-raġunijiet elenkati fl-artikolu 811 tal-Kap.12 li jirregola u jagħti lok għad-dritt ta' ritrattazzjoni;

Ir-rikors promotorju infatti hu bażat fuq l-allegat ksur tad-dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq għaliex:

a) l-appelli ġew deċiżi w s-sentenza tal-prim'istanza favur l-akkużat (ir-rikorrent) ġiet revokata mingħajr ma l-Qorti ppermettietlu l-iċken opportunita` li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fuq il-mertu, fuq il-garanziji kontra r-retroattivita` tal-liġi penali u tal-*fair hearing*; u

b) l-akkużat rikorrent ġie mċaħħad mill-assistenza tad-difensur tiegħu ta' fiduċja tiegħu;

Materji dawn li jirrigwardaw il-kondotta tal-proċediment quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u l-preġudizzju allegatament soffert mir-rikorrent bħala konsegwenza tad-direttivi proċedurali mogħtija mill-istess Qorti waqt it-trattazzjoni tar-rikors;

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jippermettix għal ritrattazzjoni tal-kawża fil-każ fejn javveraw ruħhom iċ-ċirkostanzi lamentati mir-rikorrent, u konsegwentement, anke meqjus li dan ir-rimedju kien aċċessibbli f'każ ta' proċedura kostituzzjonali, xorta hu ma setax b'suċċess jużufruwixxi ruħu minnu;

Stabbilit li r-rimedju tar-ritrattazzjoin ma kienx u ma huwiex aċċessibbli għar-rikorrent fiċ-ċirkostanzi attwali u dana kontra dak li ġie sottomess mill-intimati, il-Qorti jeħtieġilha taffronta l-qalba

tal-kwistjoni quddiemha, dik cjoe' sollevata *bil-vexata questio* jekk l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali huwiex b'xi mod sindakabbli minn Qorti oħra meta jkun allegat li tali operat jkun leżiv tad-drittijiet fundamentali ta' xi parti għal smiegħ xieraq kif protetti bl-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Iż-żewġ disposizzjonijiet b'diċitura kważi identika jagħtu kopertura kostituzzjonali biex tiġi żgurata protezzjoni *bil-liġi* *liċ-ċittadin* quddiem Qorti indipendenti w imparzjali f'materji kemm ta' natura ċivili kif ukoll kriminali. Jinteressa lil din il-kawża l-protezzjoni ċivili, inkwantu r-rikorrent qed jallega l-ksur tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni abbinat mas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Is-subinċiż 2 ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni hekk jipprovdi: "Kull Qorti jew awtorita' ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-**esistenza** jew l-**estensjoni** tad-drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti w imparzjali ....". Il-Kostituzzjoni mbagħad telenka f'diversi disposizzjonijiet x'inhuma l-parametri li **dik il-Qorti jew awtorita' ġudikanti** għandha tosserva biex tassigura *smiegħ xieraq* għeluq żmien raġonevoli;

Is-subinċiż (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jistipula hekk: *"In the* ***determination*** *of his civil rights and obligations .... everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time"*. Diċitura sostanzjalment l-istess - jekk xejn dik tal-Kostituzzjoni hi aktar speċifika u preċiża. Hu ċar li biex tiddetermina **dritt** il-Qorti trid tiddelibera u tiddeċiedi jekk dak id-dritt **jeżistix** u l-**estensjoni** ta' dak id-dritt;

Huwa biss għall-Qrati jew awtorita` ġudikanti li għandhom din il-funzjoni li jiddeċiedu dwar l-esistenza u l-estensjoni ta' drittijiet u obbligi ċivili *li japplikaw il-provvedimenti tal-*Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni fuq ċitati. Huwa biss fir-rigward ta' dawn l-istituzzjonijiet li l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jesiġu li jiġu osservati *ad unguem* il-provvedimenti protettivi tad-dritt fundamentali għall-smiegħ xieraq;

Kien għal żmien kostantement ritenut fil-ġurisprudenza tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropeja illi l-proċediment kostituzzjonali ma jiddeterminax id-drittijiet jew l-obbligi ċivili u lanqas l-esistenza jew l-estensjoni tagħhom. Il-Kostituzzjoni bħal Konvenzjoni telenka d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li jimmeritaw li jiġu f'kull ħin *tutelati u tipprovdi l-mezzi u l-istrutturi neċessarji f'soċjeta`* demokratika biex jiġu hekk protetti. Kien konsidrat li l-funzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali hi li tidentifika ċ-ċirkostanzi meta tkun avverrat ruħha vjolazzjoni ta' dawn id-drittijiet fundamentali jew meta jkun qed jiġi minaċċjat u perikolat dan id-dritt minn xi awtorita` jew organu ta' l-istat u tipprovdi mezz xieraq ta' rimedju. Il-provvedimenti ta' l-artikolu 38 (2) tal-Kostituzzjoni u tas-subinċiż (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma kinux għalhekk meqjusa applikabbli għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali inkwantu kien konsidrat li ma jiddeterminawx drittijiet u obbligi ċivili;

Hekk kienet kostanti u uniformi l-ġurisprudenza tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropeja sa żmien reċenti:

*"On the other hand, it is true that the Commission has already stated in certain cases that proceedings before a Constitutional Court do not fall under Article 6 (1) (e.g. Decision as to the Admissibility of Application No. 5767/77 and others 16 Austrian Communes vs*

*Austria Coll.46 p.118)*";

*Omissis;*

"*Such a Court (the Constitutional Court) is* ***not*** *called upon to determine any private right on the basis of the relevant substantive law be it of civil or public character. A Constitutional Court is* ***only*** *concerned with constitutional rights, that means it decides on issues as to the compatibility with the National Constitution of any acts or measures by public authorities in the exercise of public power. The Commission therefore maintains* ***the previous case law*** *and finds that article 6 (1)* ***is not applicable*** *to the sets of premises in question.* (Dec. Adm.Com. app.8410/78 - 13 December 1979) (D 7 R 18 p.216-218)";

"*The applicants further complain that their right to a fair hearing under Article 6 of the Convention was violated by the Constitutional Court. However the proceedings before that Court concerned the determination of constitutional and not civil rights and thus fall outside the scope of article 6. It follows that this complaint is equally incompatible* ratione materiae *with the provisions of the Convention*";

(Dec. Adm. Comp. App. 5767/72, 5929-5931/72; 5953-5957/72 u ohrajn - 8595/79; 8954/80, 8994/80);

"*On the question when the reasonable time ends, the Commission first recalls that* ***according to its case law*** *Article 6 (1) does not apply to proceedings before the Constitutional Court.*" (Cf. app. No. 8410/78 - also Bucholz Judgement of the 6th May, 1981);

Din l-interpretazzjoni stretta pero' ma ġietx segwita minn din il-Qorti Kostituzzjonali li kienet konxja mhux biss tal-ġurisprudenza fuq ċitata u l-konsistenza tagħha, imma wkoll tal-fatt illi fis-sistema ġuridiku nostran kien possibbli għall-individwu li jfittex rimedju għall-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tiegħu direttament billi jipprovoka proċeduri ta' indole kostituzzjonali. Ġie hekk ritenut fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Carmelo *sive* Charles Ellul Sullivan *et*** deċiża fil-5 ta' April, 1989:

"Veru li l-Kummissjoni Ewropeja tat interpretazzjoni pjuttost ristrettiva lill-kliem *civil rights and obligations* kontenuti fl-imsemmi artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, liema artikolu, flimkien ma' artikoli oħra, illum jifforma parti mill-liġi ta' Malta taħt l-Att XIV ta' l-1987";

*Omissis*;

"Eppure din il-Qorti, almenu għal dak li jirrigwarda l-istess kliem *civil rights or obligations* fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni hija propensa li tagħtihom, sinifikat aktar wiesgħa fis-sens li jkopru anke drittijiet kostituzzjonali";

*Omissis*;

"Mhux hekk biss imma kif ġie osservat minn din il-Qorti fil-kawża **Misrahi *vs* Cassar** 10.6.1966, l-imsemmija disposizzjoni tal-artikolu 39(2) hija intiża biex tassigura fil-kumpless tagħha l-osservanza, fi proċeduri dwar drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili, taż-żewġ prinċipji li fid-dottrina u ġurisprudenza Ingliża jitqiesu kompendjati fil-konċett ta' *ġustizzja naturali*, jiġifieri *nemo judex*

*in causa propria* li jimporta li l-ġudikant għandu jkun indipendenti u imparzjali, u *audi alteram partem* li jimporta in ġenerali illi l-partijiet ikollhom smiegħ xieraq u l-opportunita` li jinstemgħu. L-imsemmija prinċipji ta' ġustizzja naturali huma oramai rikonoxxuti f'diversi sentenzi tagħna u **jkun kontrosens u antiġuridiku li kieku kellhom jiġu rikonoxxuti biss f'każ ta' deċiżjonijiet rigwardanti drittijiet strettament ċivili u ma jiġux applikati f'deċiżjonijiet rigwardanti drittijiet kostituzzjonali**" (Is-sottolinejar hu ta' din il-Qorti);

Sentenza llluminata illi ppreċediet l-iżvilupp li jidher li qed iseħħ fil-ġurisprudenza tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropeja anke jekk il-punt għadu serjament dibattut u għad hemm min ma jaċċetax li jiċċaqlaq mill-posizzjoni intransiġenti ta' qabel. Hu llum pero' aċċettat illi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni *not only contains **procedural** guarantees in relation to judicial proceedings, but also grant **a right** to judicial procedure* fil-parametri ta' dritt ta' aċċess għall-Qorti kif stabbilit u garantit bl-istess artikolu (P. Van Dijk and Van Hoof - IBID pp.294 *et seq.*). Dan is-subinċiż allura joħloq dritt sostantiv għal smiegħ xieraq li jeħtieġ li jiġi tutelat f'kull proċediment quddiem kull Qorti li tkun qed tiddetermina *Civil Rights and Obligatinos* ta' l-individwu. *Civil Rights* li jinkludu wkoll id-dritt għal smiegħ xieraq quddiem Tribunal imparzjali. Allura anke fi proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

Fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ġunju, 1993 fil-kawża **Ruiz-Mateos *vs* Spain** (Vol. 262 of Series A) il-Qorti Ewropeja hekk iddeliberat fuq l-applikabbilita` ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fuq il-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali waqt li sabet li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għall-smiegħ xieraq quddiem dik il-Qorti;

*"63. The Court will examine the complaint in the light of the whole of paragraph 1 of Article 6 because the principle of equality of arms is only one feature of the wider concept of a fair trial, which also includes the fundamental right that proceedings should be adversarial (see, among other authorities, mutatis mutandis, the Brandstetter vs Austria judgement of 28 August, 1991 Series A no. 211, p27, para. 66).*

*The right to an adversarial trial means the opportunity for the parties to have knowledge of and comment on the observations filed or evidence adduced by the other party (see mutatis mutandis, the same judgement, p.27, para.67). Admittedly proceedings before a constitutional court have their own characteristics which take account of the specific nature of the legal rules to be applied and the implications of the constitutional decision for the legal system in force .... Nevertheless, it may happen that, as here, they deal with a law which directly concerns a restricted circle of persons. If in such a case the question whether that law is compatible with the constitution is referred to the constitutional court within the context of proceedings on a civil right to which persons belonging to that circle are a party, those persons must as a rule be guaranteed free access to the observations of the other participants in these proceedings and a genuine opportunity to comment on those observations.*

*The Court sees no reason to depart from this rule in the present case";*

Il-Qorti Ewropeja waqt li ddikjarat illi:

*"The Court is not called upon to give an abstract ruling on the applicability of Article 6(1) to Constitutional Courts in general or the Constitutional Courts in particular"*;

Sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(1) fir-rigward taż-żmien li ħadu l-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u li kien hemm vjolazzjoni ta' dak is-subinċiż fir-rigward tas-smigħ xieraq **fil-proċeduri quddiem l-istess Qorti**;

Fid-dawl tal-premess din il-Qorti allura ssib li ma tistax a prior teskludi is-sindakabilita` ta' l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kondotta tal-proċeduri quddiemha biex tiddetermina jekk dawn kinux konformi mad-dettami tas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dana permezz ta' rimedju aċċessibbli għar-rikorrent sallum, u cjoe` kif għamel b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Dana kif ingħad, anke għaliex ir-rimedju ta' ritrattazzjoni ma kienx miftuħ għalih. *De lege condenda* hu awspikabbli li tiġi koltivata leġislazzjoni ntiża biex tiġi sanċita l-applikazzjoni tal-proċedura ta' ritrattazzjoni f'dawn il-każijiet - u b'hekk jitneħħa kull dubbju f'dan ir-rigward. Għandha tiġi wkoll ikkunsidrata l-opportunita` li tali rimedju jiġi f'limiti determinati u bid-debiti kawteli li jissalvagwardjaw id-dritt tal-ġudikant li jikkonduċi bla xkiel il-proċeduri quddiemu estiżi biex ikopri wkoll dawk il-każijiet ta' defiċjenzi proċedurali li jistgħu jammontaw għall-leżjoni ta' dritt fundamentali għal smiegħ xieraq protett biċ-ċitati provvedimenti. Dan ikollu l-vantaġġ ovvju (1) li l-materja tiġi epurata, kif għandha tkun, mill-istess Qorti Kostituzzjonali u tiġi evitata l-anomalija illi l-Prim'Awla tissindika l-operat ta' dik il-Qorti, u (2) li tipprovdi rimedju straordinarju ta' ridress li nkwantu tali għandu jkun bil-liġi espressament provdut li tkun l-aħħar proċedura permissibbli u

konsentita fil-każijiet biss u meta jokkorru ċ-ċirkostanzi speċjali li trid il-liġi. Dana in omaġġ tal-prinċipju taċ-ċertezza tal-ġudizzju u taċ-ċertezza tad-dritt;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-intimati appellanti.